**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 20 ta' Gunju 2023**

Rikors Numru: 629/22 AL

A B gia C

vs

D C

(M.R. Numru 1495/2019)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-ikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. ILLI l-kontendenti żżewġu nahar it-tlettax (13) ta' Ġunju elfejn u dsatax (2019) (Dok C);

2. ILLI l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Sylvana Borg Caruana datat wieħed u għoxrin (21) ta' April elfejn u wieħed u għoxrin (2021) Dok A.

3. ILLI minn dana ż-żwieġ ma tweldux tfal.

4. ILLI ma hemm l-ebda pendenza ta' manteniment bejn il-kontendenti;

5. ILLI ma hemm l-ebda propsett ragionevoli illi ikun hemm rikonciliazzjoni bejn il-kontendenti, stante illi apparti li jgħixu separatament għal kważi sentejn (2),presenzjalment it-tnejn għandhom il-ħajja separata tagħhom;

6. ILLI l-fatti su riporati jissodisfaw il-kwesiti għall ottjeniment tal-ħall miż-żwieġ a tenur ta' artikoli 66A eq seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. 1.TIPPRONUNZJA d-divorzju bejn il-kontendenti;

2. 2.TORDNA lir-registratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien kontemplat jinnotifka lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-digriet tad-Divorzju sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha huwa jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u jaqbel mal-premessi kollha tar-rikors guramentat;

Illi madanakollu huwa m’ghandux ibati spejjez ta’ din il-procedura.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta’ Jannar 2023;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-21 ta' April 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.